





# Awtorità tad-Djar

## Rapport tas-Sena 2006 - 2007
## Estimi għall-perjodu 1/10/2007 - 31/12/2008





# Rapport Taċ-Chairman

**MISSION STATEMENT**

**"Djar xierqa jsaħħu l-komunitajiet u jipprovdu ambjent aħjar fejn inrabbu t-tfal tagħna"**



Qegħda għal darba oħra nippreżenta r-rapport annwali ta' l-Awtorità tad- Djar għas-sena 2006 - 2007. Matul din is-sena l-Awtorità tad-Djar tejbet il-politika tagħha u nediet inizjattiva ġdida sabiex il-possibilità biex aktar nies isiru sidien ta' darhom tkun aktar affordabbli. Matul dan il-perjodu l-amalgamazzjoni bejn id-Dipartiment ta' l-Akkomodazzjoni Soċjali u l- Awtorità tad-Djar bdiet ukoll.

L-implementazzjoni ta' l-amalgamazzjoni bejn id-Dipartiment ta' l-Akkomodazzjoni Soċjali u l-Awtorità tad-Djar ingħatat spinta l-quddiem is-sena l-oħra. Sabiex insostnu proçeduri ġodda u biex nakkomodaw l-impjegati tad-Dipartiment, l-Awtorità tad-Djar akkwistat żewġ proprjetajiet fl-istess triq. Bħala l-ewwel pass fl-amalgamazzjoni ta' dawn l-entitajiet li jipprovdu servizz fis-settur tal-housing, l-Awtorità tad-Djar flimkien mad-Dipartiment ta' l-Akkomodazzjoni Soċjali, ˙għaqqdu sezzjoni waħda tal- Customer Care li qegħda topera mill-pjan terren fil-binja l-ġdida. Din is-sezzjoni magħquda tal-Customer Care qed tiffaċilità l-proċess għal dawk in-nies li għandhom bżonn akkomodazzjoni alternattiva u oħrajn li jridu jirċievu assistenza biex jagħmlu xogħlijiet ta' rranġar f'darhom.

Waħda mill-ħsibijiet ta' l-Awtorità fir-rigward ta' din l-amalgamazzjoni hija l-bżonn li nipprovdu aktar postijiet għall-kiri (jew billi nibnuhom aħna jew billi naslu għal ftehim ma' sidien privati), sabiex nassistu lill-applikanti fuq il-lista tad-Dipartiment ta' l-Akkomodazzjoni Soċjali. S'issa ma tantx kellna reazzjoni għal din it-talba tagħna biex nikru postijiet mis-settur privat. Dan juri biċ-ċar li t-tifkira tar-rekwiżizzjoni għadha qawwija fost is-sidien u għalhekk dawn jippreferu jħallu l-

postijiet vojta milli jissograw li jitilfuhom għall-kerrejja li ˙ħafna jarawhom bħala nies li jirċievu dan it-tip ta' housing tul ħajjithom kollha – perċezzjoni qawwija ħafna fir-realtà ta' llum.

Għalkemm l-Awtorità tad-Djar għadha qed ikollha art trasferità lilha, din l-art qegħda tintuża sabiex issostni il-programm ta' bini ta' l-Awtorità tad-Djar. Il-maġġoranza ta' dawn il-postijiet issa qegħdin jinbiegħu taħt is-sistema ta' Shared Ownership. Taħt din l-inizjattiva l-Awtorità qed tiġġenera inqas fondi grazzi għas-sistema ta' bejgħ fejn f'ħafna każijiet terz biss tal-proprjetà qegħda tinxtara mingħand il-benefiċjarji. Id-dħul li kienet tiġġenera l-Awtorità permezz tal-bejgħ regolari ta' postijiet kien sostenibbli sabiex nipprovdu għotjiet regolari lill-klijenti differenti tagħna taħt l-iskemi u inizjattivi varji.

L-inizjattiva ta' Shared Ownership attirat interess konsiderevoli s-sena l-oħra. Din l-iskema kienet it-tieni ħarġa ta' proprjetajiet għall-bejgħ, u involviet 259 post għall-bejgħ. L-Awtorità rċeviet 1000 applikazzjoni taħt din il-ħarġa. L-Awtorità tad-Djar issa għandha l-għan li toħroġ it-tielet ħarġa ta' bejgħ taħt Shared Ownership fill-futur qarib.

Sabiex nestendu dan il-kunċett ta' Shared Ownership fis-settur privat, l-Awtorità tad-Djar nediet inizjattiva ġdida ta' 'Equity Sharing' bil-għan li ngħinu lill-ewwel xerreja biex jixtru r-residenza tagħhom mis-settur privat. Taħt din l-inizjattiva jekk il-prezz tal-proprjetà ma' jkunx jista' jintlaħaq permezz ta' self mingħand il-bank, l-Awtorità tgħin billi tkopri d-differenza bejn is-somma mislufa mill-Bank u l-prezz tal-proprjetà. Permezz ta' din l-inizjattiva l-ġdida l-Awtorità qegħda tassisti numru ta' familji sabiex isiru sidien ta' darhom.

Din is-sena l-Awtorità tad-Djar irrevediet l-iskemi ta' rranġar u żiedet is-sussidju massimu li jingħata f'każ ta' strutturi perikolużi. Wieħed mill-għan prinċipali ta' l-Awtorità tad-Djar huwa li tagħmel xogħlijiet ta' rranġar f'djar eżistenti u għalhekk l-għotjiet tagħna għandhom ikunu konformi mal-prezzijiet ta' llum u jsegwu l-politika ta' l-Awtorità tad-Djar li trid temenda regolarment l-iskemi tagħha biex tilħaq il-bżonnijiet u l-eżiġenzi tal-klijenti tagħha.

Policy ġdida li introduċiet din is-sena l-Awtorità tinvolvi bidla fl-Iskema 7 fejn ġiet estiża l-assistenza mogħtija lill-persuni b'diżabilità. Filwaqt li f'dawn l-aħħar snin l-assistenza għall-installazjoni ta' liftijiet kienet garantità biss taħt din l-iskema għall-dawk li jgħixu f'djar privati, l-Awtorità ddeċidiet li tagħti assistenza saħansitra lir-residenti ta' appartamenti privati.

Huwa impossibli li nenfasiżżaw il-kisbiet kollha tagħna hawnhekk iżda mingħajr ebda dubju wiħ˙ed li kien l-aktar importanti kien dwar persuni u mhux il-bini. Din

is-sena 15-il żagħżugħli kienu jgħixu f'istituti spiċċaw il-programm ta' taħriġ tagħhom magħna u ma' l-ETC. Dan il-proġett irċieva n-nominazzjoni ta' 'best practice' fost proġetti oħra simili li rċevew fondi mill-UE. Dan kien għemil ta' ħila kbira kemm għal dawn iż-żgħażagħ kif ukoll sens ta' kburija għalina.



**Marisa Micallef** M.Sc (Urban Planning Policy Studies)
Chairman

Settembru 2007

# Riċerka, Komunikazzjoni u Inizzjattivi Speċjali

Dan l-uffiċċju jaqra u janalizza l-gazzetti u huwa l-punt ta' referenza għad-domandi min-naħa tal-media. Mit-twaqqif tal-website ta' l-Awtorità tad-Djar u l-introduzzjoni ta' l-indirizz elettroniku (e-mail) fl-aħħar sena, in-numru ta' persuni li jfittxu informazzjoni b'dan il-mod dejjem qiegħed jikber. L-uffiċċju tar-Riċerka, Politika u Komunikazzjoni jamministra dan l-indirizz elettroniku u matul din l-aħħar sena ħa ħsieb 'il fuq minn 450 talba mill-pubbliku. Il-website hija l-ewwel punt ta' referenza biex wieħed jikseb informazzjoni ġenerali dwar l-Awtorità tad-Djar u s-servizzi li toffri. Minn dan is-sit wieħed jista' jniżżel il-formoli ta' applikazzjoni, jara l-aħħar artikli u l-istqarriji maħruġa lill-ġurnali kif ukoll l-avviżi ppublikati. Dan is-sit jiġi aġġornat b'mod kostanti biex jinkludi tibdiliet ġodda fis-servizzi, formoli ta' applikazzjoni kif ukoll l-istqarriji maħruġa lill-ġurnali.




Il-website ta' l-Awtorita' tad-Djar

Barra minn dan, l-uffiċċju tar-Riċerka, Politika u Komunikazzjoni jsegwi mill-qrib is-servizzi eżistenti u jiġbor informazzjoni ta' statistika. Permezz ta' dawn l-analiżi, informazzjoni essenzjali tiġi miġbura. Din l-informazzjoni tg˙in lil-Bord jieħu

deċiżjonijiet biex is-servizzi ta' l-Awtorità tad-Djar jiġu addattati skond il-bidliet fid-domanda kif ukoll biex jiġu żviluppati inizzjattivi ġodda fejn ikun hemm bżonn.

Din is-sena l-uffiċċju għamel riċerka u analiżi f'dawn l-oqsma li ġejjin:

- Analiżi ta' għajnuna mogħtija taħt l-iskemi ta' rranġar u titjib taħt Skema 5, Skema W u Skema Z
- Analiżi tat-tieni ħarġa ta' bejgħ fuq bażi ta' Shared Ownership
- Analizi fuq l-ewwel 100 applikant fuq il-lista tad-Dipartiment ta' l-Akkomodazzjoni Soċjali
- Analizi tas-Servizz ta' Care and Repair
- Analizi ta' l-iskema ta' Equity Sharing

## Analiżi ta' għajnuna mogħtija taħt l-iskemi ta' rranġar u titjib taħt Skema 5, Skema W u Skema Z

Statistika fuq l-iskemi 5, W u Z ġiet miġbura minn Ottubru 1999 - meta dawn l-iskemi ġew introdotti - sa Ġunju 2006. Fl-analiżi nsibu deskrizzjoni ta' l-emendi u l-effetti tagħhom. Informazzjoni ġiet miġbura fuq in-numru ta' applikanti kif ukoll fuq il-profil tagħhom. L-ikbar numru ta' applikazzjonijiet ta't dawn it-tlett skemi ġew sottometti taħt skema 5 li tipprovdi sussidju għal xogħlijiet ta' rranġar u titjib fi djar privati bil-kera. In-numru ta' applikazzjonijiet taħt din l-iskema huwa mistenni li jkompli jikber.




Il-maġġoranza ta' l-applikanti taħt skema 5 huma miżżew©in u l-eta' li tiddomina hi bejn 61 u 75 sena. Iktar minn nofs l-applikanti jħallsu kera bejn Lm0 u Lm50 (€0-116.47) fis-sena. Kważi 80% ta' l-applikanti kienu jgħixu f'ambjent taħt il-livell meħtieġ qabel l-applikazzjoni; terz kienu jgħixu fi proprjetà bi struttura perikoluża.

Il-maġġoranza ta' l-applikanti taħt dawn it-tliet skemi jgħixu fin-naħa tal-Port il-Kbir u fin-Nofsinhar ta' Malta. Għalhekk statistika dettaljata ġiet miġbura fuq il-pagamenti li ġew mgħotija lil applikanti mill-Belt Valletta u l- Furjana; f'analiżi separata l-istess statistika ġiet miġbura fuq 8 lokalitajiet oħra fl-istess reġjun. Il-maġġoranza tal-benefiċjarji ta' dawn l-iskemi ta' għajnuna fuq xogħlijiet ta' rranġar u titjib jgħixu Bormla. Fil-fatt, l-ikbar ammont ta' pagamenti li ġew mgħotija taħt Skema 5 lil inkwilini fi djar privati u taħt Skema W lil inkwilini li jgħixu fi djar tal-Gvern huma lil benefiċjarji minn Bormla. Taħt Skema Z li tipprovdi għajnuna lil sidien ta' djarhom, benefiċjarji minn Bormla rċevew it-tieni l-ikbar ammont ta' pagamenti.

## Analiżi tat-tieni ħarġa ta' bejgħ fuq bażi ta' Shared Ownership

L-analiżi kienet fuq dawk l-applikanti li ġew allokati proprjetà taħt it-tieni ħarġa ta' bejgħ fuq bażi ta' Shared Ownership. L-eta', l-istruttura tal-familja u l-attività ekonomika tal-benefiċjarji ġew analizzati. Informazzjoni fuq il-kundizzjonijiet tad-dar tagħhom u l-lokalitatjiet fejn kienu joqogħdu ġiet miġbura. Taħt din il-ħarġa, in-numru ta' koppji għarajjes u familji bit-tfal li bbenefikaw kienu kważi ndaqs.



Postijiet f'Għawdex li nbiegħu taħt it-tieni ħarġa ta' Shared Ownership

## Analiżi fuq l-ewwel 100 applikant fuq il-lista tad-Dipartiment ta' l-Akkomodazzjoni Soċjali

Tajna ħarsa lejn il-klassifikazzjoni ta' l-applikanti tad-Dipartiment ta' L-Akkomodazzjoni Soċjali. Statistika ġiet miġbura fuq l-applikanti li għandhom l-ewwel 100 punt fuq il-lista tad-Dipartiment. Dan ir-rapport iffoka fuq id-demografija ta' l-applikanti. Informazzjoni fuq il-kundizzjonijiet tad-dar ta' l-applikanti kienet miġbura ukoll. F'ir-rapport insibu wkoll informazzjoni fuq jekk l-applikanti jaqsmux r-residenza tagħhom ma' ħaddieħor, kellhomx faċilitajiet

sanitarji meħtieġa fid-dar tagħhom kif ukoll jekk jgħixux fi proprjetà b' struttura perikoluża jew f'ambjent taħt il-livell meħtieġ.

## Analiżi tas-Servizz ta' Care and Repair

L-inizzjattiva tal-Care and Repair kienet introdotta f'Mejju 2002 fejn żviluppajna l-aspett ta' 'Kura' fis-servizzi eżistenti tagħna fejn kien meħtieġ. Ir-riċerka li saret, tħares lejn l-emendi fil-proċedura biex insaħħu s-servizz li noffru kif ukoll lejn il-pagamenti li ġew allokati minn meta bdiet l-iskema sa Lulju 2007. Informazzjoni fuq l-eta', l-istat u l-problemi ta' mobbilità ġew analizzati. Statistika ġiet miġbura biex naraw minn liema lokalitajiet l-applikanti jiġu u x'tip ta' xogħol ta' rranġar u titjib ikollhom bżonn. Il-maggoranza tal-benefiċjarji ta' dan is-servizz huma persuni anzjani li ħafna minnhom jgħixu fin-naħa tal-Port il-Kbir u fiċ-ċentru ta' Malta. Sibna li l-ikbar domanda kienet għal xogħlijiet ta' alterazzjonijiet u rranġar ta' aperturi, kmamar tal-banju, madum u sistemi ta' dawl, ilma u drenaġġ.

## Equity Sharing

Din l-analiżi tiffoka fuq l-inizzjattiva ġdida ta' Equity Sharing li għada fil-bidu ta' l-iżvilupp tagħha. Statistika ġiet miġbura fuq l-applikazzjonijiet li l-Awtorità tad-Djar irċeviet fl-ewwel sitt xhur mill-bidu ta' din l-inizzjattiva. Din lanaliżi kienet importanti biex nibnu l-profil ta' l-applikanti li kienu qegħdin japplikaw taħt din l-iskema. Informazzjoni kienet ukoll miġbura fuq it-tip ta' proprjetà mixtrija mill-ewwel xerrejja kif ukoll l-ammonti li qegħdin jiġu ffinanzjati mill-Awtorità biex tgħin lil dawn l-applikanti jsiru sidien ta' darhom. Din ir-riċerka tgħin lill-Awtorità tirrevedi l-proċess ta' applikazzjonijiet taħt din l-iskema l-ġdida.

## EQUAL – Headstart

L-Awtorità tad-Djar issottomettiet applikazzjoni taħt il-proġett EQUAL. Dan il-proġett huwa wieħed mill-proġetti li jaqa' taħt il-Fond Soċjali Ewropew. Dan il-programm offra żgħazagħ li ˙ħarġu minn xi istituzzjoni pakkett integrali li jinkludi tagħlim f'xi sengħa partikolari, opportunità ta' xogħol f'dak il-qasam li għażlu u fl-aħħar iżda mhux linqas aċċess għall-housing affordabbli. Dan il-proġett ser jiswa total ta' €263,721 u l-Awtorità tad-Djar ser toħroġ 25% ta' dan b'total ta' €65,930.

Dan il-proġett beda f'Jannar 2005 u ħmistax-il żagħżugħ/żagħżugħa spiċċaw il-programm ta' taħriġ fis-sengħa li għażlu huma. Ftit minn dawn iż-żgħażagħ se jkomplu l-istudji tagħhom filwaqt li oħrajn qed jiksbu esperjenza permezz ta' taħriħ fuq il-post tax-xogħol jew sabu xogħol diġà. L-Awtorità tad-Djar qegħda tassisti lil dawn iż- żgħażagħ biex kollha jsibu impjieg.



Parteċipanta fil-proġett HEADSTART

Dawn iż-żgħażagħ ingħataw ukoll l-opportunità li jgħixu waħedhom sabiex jibdew jgħixu ħajja indipendenti. Iltqajna ma' ħafna diffikultajiet biex nsibu akkomodazzjoni għal dawn iż-żgħażagħ li ˙ħarġu minn istituti. Impjegajna wkoll mentors biex jgħinu lil dawn iż-żgħażagħ jgħelbu d-diffikultajiet li jiltaqgu magħhom ta' kuljum.

Dan il-proġett wasal fl-aħħar. F'dan l-aħħar stadju tal-proġett, l-Awtorità tad-Djar flimkien ma' dawn iż-żgħażagħ se tiddetermina l-aħjar għażla ta' 'housing' biex nassiguraw li jkollhom akkomodazzjoni affordabblli.

Grazzi għal din l-inizjattiva dawn iż-żgħażagħ kellhom l-opportunità jitgħallmu ħiliet ġodda biex iwassluhom għal xogħol u aċċess għal akkomodazzjoni affordabli. Dan il-pakkett jgħin ukoll lil dawn iż-żgħażagħ biex jintegraw aħjar fis-soċjetà. Jidher ċar li dan il-programm kien ta' benefiċċju kbir għal dawn iż-żgħażagħ li ħarġu minn istituti u għalhekk l-Awtorità tispera li jekk il-fondi jippermettu, testendi dan il-proġett u tgħin iktar żgħażagħ li jitilqu minn istituzzjonijiet.

## Proġetti ta' UE

F'Marzu 2007, l-Awtorità tad-Djar issottomettiet applikazzjoni taħt il-programm Leonardo Da Vinci 2007-2013. Dan il-proġett jaqa' taħt il-programm ***European Community Life Long Learning***. Il-proġett ser jiswa €13,469.85 u ser ikun ko-finanzjat mill-Kummissjoni Ewropeja b'total ta' €9,768 filwaqt li l-Awtorità tad-Djar ser toħroġ €3,701.85.

Il-programm ta' Housing Traineeship ser joffri ġimgħa ta' taħriġ lil massimu ta' sitt impjegati ta' l-Awtorità tad- Djar. L-għan ta' dan it-taħriġ hu li naħ˙tu ċ-ċans lill-impjegati jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom li huma relatati max-xogħol li jagħmlu kif

ukoll biex jiksbu iktar esperjenza permezz ta' taħriġ fuq il-post tax-xogħol f'organizazzjonijiet mill-aqwa fis-settur ta' housing fl-Ingilterra. Fl-isfont ta' l-amalgamazzjoni imminenti mad-Dipartiment ta' l-Akkomodazzjoni Soċjali, aġenziji li jispeċjalizzaw f'Housing Management u servizzi ta' Care and Repair se jiġu mmirati. L-aġenziji magħżula jinkludu Manchester Care and Repair, f'Manchester; Rochdale Home Improvement Agency, f'Rochdale, Hanover AtHome, f'Suffolk u Golden Gates Housing, f'Warrington. Din l-applikazzjoni ġiet approvata f'Awissu 2007 u għalhekk sitt impjegati se jkollhom iċ-ċans jitgħallmu ħiliet ġodda u jsaħħu l-esperjenza u prattika fil-qasam ta' housing.

Barra minn dan, l-Awtorità tad-Djar qiegħda tipprepara proġett biex jiġi ikkunsidrat taħt il-Fond għall-Iżvilupp Reġjonali Ewropew (ERDF) 2007-2013, iffokat fuq Riġenerazjoni Urbana. Dan il-proġett ser ikun ko-finanzjat mill-Fondi Strutturali b'rata ta' ko-finanzjamaent ta' 85% u 15% mill-fondi nazzjonali.



Proġett ta' Riġenerazzjopni Urbana fil-Kottonera

L-Awtorità tad-Djar ma tistax tissottometti proġett ta' Riġenerazzjoni Urbana waħidha għaliex skond ir-regoli ta' ERDF, l-ispiża fil-qasam ta' housing tista' tkun possibli biss jekk tkun parti minn proġett ta' żvilupp urban imressaq b'mod integrali. Barra minn hekk, l-intervenzjonijiet fil-qasam ta' housing huma limitati għal rinnovazzjoni u rranġar ta' blokok ta' bini tal-Gvern. Għalhekk l-Awtorità ngħaqdet ma' entitajiet oħra biex flimkien ikunu jistgħu jiżviluppaw programm integrat ta' żvilupp urban fiż-żona lokali tal-Port il-Kbir. L-Awtorità qiegħda taħdem ma' diversi organizazzjonijiet minn setturi varji li huma responsabbli għal trasport u aċċessibilità, tisbiħ ta' pjazez pubbliċi u riġenerazzjoni soċjali biex flimkien jippreżentaw proġett ta' żvilupp urban b'mod ħolistiku.

L-Awtorità tad-Djar ilha taħdem ħafna biex tippromwovi riġenerazzjoni urbana. Permezz tal-programm ta' bini, l-Awtorità ilha taħdem fuq ir-riġenerazzjoni fil-Kottonera. Biex tkompli taħdem fuq il-politika tagħha ta' riġenerazzjoni fil-Kottonera, l-Awtorità għandha l-ħsieb li tirrinnova bini ta' djar li diġa' jeżisti. L-għan ewlieni hu li tirrinnova l-partijiet komuni ta' żewġ oqsma ta' bini soċjali f'Bormla li bħalissa huma kkunsidrati bħala bini taħt il-livell meħtieġ u għalhekk għandu bżonn jitranġa. Dawn iż-zewġ oqsma ta' housing soċjali li l-Awtortià tixtieq tirranġa huma l-bini f'Verdala u Kwartieri San Nikola.

Taħt dan il-programm l-Aworità għandha l-għan li tirranġa l-partijiet strutturali prinċipali bħall-faċċata, il-bejt, aperturi u bibien fuq il-faċċata, kurituri u intrati, turġien u lifts kif ukoll installazzjoni teknika fejn meħtieġ. Dan il-proġett ser jinkludi wkoll it-tisbiħ taż-żoni ta' madwar il-bini soċjali. Miżuri li jippromwovu iktar effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija bħal insulation fil-bjut, double-glazing fl-aperturi u bozoz energy saving jagħmlu parti minn dan il-programm ta' rinovazzjoni biex inħajru l-użu ta' l-enerġija b'mod iktar effiċjenti.

# Direttorat tal-Finanzi u ‘Home Ownership’

## Is-Sezzjoni tal-Finanzi

Din is-sezzjoni hija prinċiparjament responsabbli mit-tranżazzjonijiet finanzjarji kollha ta’ l-Awtorità tad-Djar.

Nieħdu ħsieb niġbru pagamenti mingħand debituri li jkunu qed iħallsu lura xi sussisidji li ngħataw qabel, bin-nifs.

Jinħarġu garanziji favur Banek kummerċjali fuq xiri ta’ proprjetà mingħand l-Awtorità. Inħallsu wkoll il-kredituri wara li nġibu approvazzjoni għall-dawn, mingħand id-diretturi u l-amministratturi konċernati.

Minbarra dan, jinżamm rekord ta’ tranżazzjonijiet finanzjarji fuq bażi accrual li jwasslu għall-preparazzjoni ta’ management accounts u cash flow statement kull xahar. Nippreparaw ukoll ir-rapport finanzjarju annwali li mbagħad jiġi iċċekkjat minn awdituri indipendenti.

## *Shared Ownership*

F’Settembru 2006, l-Awtorità tad-Djar ħarġet għall-bejgħ 259 post f’diversi lokalitajiet madwar Malta u Għawdex. L-Awtorità rċeviet 1000 applikazzjoni għall-bejgħ ta’ dawn il-postijiet. Dawn l-applikazzjonijiet ġew ipproċessati sabiex jiġi vverifikat illi l-applikanti huma konformi mal-kundizzjonijiet ta’ din il-ħarġa. Il-postijiet taħt din il-ħarġa ġew imqassma u l-Awtorità tad-Djar tinsab għaddeja fil-proċess li terġa tqassam dawk il-postijiet li għal xi raġuni jew oħra ġew irrifjutati mill-applikanti li lilhom kienu ġew allokati.

Policy ġdida li ġiet approvata mill-Bord din is-sena tinvolvi l-allokazzjoni ta’ dawn il-postijiet. Postijiet li ma kienux allokati ġew offruti lill-applikanti fuq ‘reserve list’ li tkun valida għall-perjodu ta’ 3 xhur. Dawk il-postijiet li baqgħu vakanti mbagħad joħorġu taħt il-ħarġa ta’ bejgħ li jkun imiss. L-Awtorità bħalissa qegħda tkompli bl-allokazzjoni ta’ dawn il-postijiet sakemm il-postijiet kollha li ħarġu għall bejgħ taħt l-aħħar ħarġa jiġu kollha allokati. Skond il-fondi li jkollna aħna nittamaw li nkunu nistgħu nespandu il-programm tagħna ta’ Shared Ownership.



Units mibjugħa taħt Skema ta' Shared Ownership 2

## Equity Sharing

Din is-sena l-Awtorità tad-Djar nediet skema ġdida 'Equity Sharing' sabiex tipprovdi għajnuna lil min jixtri l-ewwel residenza mis-settur privat. L-Awtorità tad-Djar allokat Lm2 miljuni (€4,658,746.70) għas-sena finanzjara 2006/2007 biex bihom tgħin lill-applikanti bi dħul medju li jixtiequ jixtru l-ewwel residenza tagħhom mis-settur privat. Din l-iskema hija ntiża għall-applikanti li ma jistgħux jixtru r-residenza tagħhom mingħajr l-għajnuna ta' l-Awtorita' tad-Djar. Taħt din l-iskema l-Awtorità tad-Djar tiffinanzja sa massimu ta' Lm10, 000 (€23,293.73) fuq xiri ta' l-ewwel proprjetà ġebel u saqaf u sa massimu ta' Lm14,000 (€32,611.23) fuq xiri ta' l-ewwel proprjetà 'finished'. B'hekk l-Awtorità ssir sid ta' parti mill-istess residenza flimkien ma' l-applikanti. Sa llum l-Awtorità rċeviet 82 applikazzjoni għal din l-iskema, u tittama, sakemm jippermettu l-fondi, li tibni fuq din l-inizjattiva ġdida li tinkoraġixxi l-użu ta' proprjetà eżistenti.

## Għotja biex tgħin lis-sidien fl-irranġar ta' l-ewwel residenza

L-Awtorità tgħin ukoll lill-ewwel xerrejja permess ta' għotjiet finanzjarji għall-irranġar u/jew tkomplija ta' l-ewwel residenza tagħhom. Din l-iskema hija popolari ħafna mal-koppji żgħar u ta' kull sena numru sostanzjali ta' familji u oħrajn qed jirċievu assistenza sabiex ilestu l-ewwel dar tagħhom. Taħt din l-iskema daħlu 328 applikazzjoni.

## Sir Sid Darek

Residenti li jokkupaw post tal-Gvern bħala kerrejja konoxxuti għal mill-anqas dawn l-aħħar ħames snin, jistgħu japplikaw sabiex jixtru dan il-post. Din is-sena l-Awtorità rċeviet total ta' 110 applikazzjonijiet ġodda taħt din l-iskema.

Matul din is-sena l-Bord ta' l-Awtorità tad-Djar approva policy ġdida fejn jidħlu l-kalkolazzjonijiet tas-sussidju mogħti taħt l-iskemi. Is-sussidju issa qiegħed jiġi mogħti skond id-differenzi bejn il-prezz rakkomandat u l-prezz minimu. Jekk il-prezz rakkomandat jkun inqas mill-valur minimu tal-kategorija, mela l-applikanti għandhom iħallsu l-prezz rakkomandat u l-ebda sussidju ieħor ma' jingħata.

## Sezzjoni Notarili

Matul din is-sena finanzjarja ġew iffirmati 1865 bejn kuntratti u konvenji li kienu jikkonsistu f' 332-il kuntratt ta' bejgħ ta' proprjetà ta' l-Awtorità tad-Djar. Dan l-ammont jinkludi ukoll kuntratti ta' bejgħ ta' garaxxijiet kummerçjali, 320-il kuntratt ta' fidi ta' ċens, 19-il kuntratt ta' emfitewsi perpetwa, 110-il kuntratt ta' bejgħ ta' proprjetà lill-terzi, 82-il kuntratt ta' bejgħ ta' proprjetà mikrija mill-Gvern lill-inkwilini u 129-il kuntratt ta' Skemi li jipprovdu għajnuna sabiex tirranġa darek. F'dan il-perjodu ta' żmien saru ukoll 873 konvenji ta' diversi skemi li jipprovdu għajnuna sabiex tirranġa darek jew sussidju fuq il-kera kif ukoll konvenji fuq xiri ta' proprjetà mill-Awtorità tad-Djar.

Dawn il-kuntratti saru permezz ta' koperazzjoni ma' Nutara u banek lokali kif ukoll grazzi għal "team work" bejn il-membri tas-sezzjoni. L-għan prinċipali tas-sezzjoni huwa li dawn il-kuntratti u konvenji jsiru fl-anqas żmien possibli u li l-klijenti ta' l-Awtorità tad-Djar joħorġu dejjem sodissfatti bis-servizz provdut. Is-Sezzjoni Notarili tilħaq l-għanijiet tagħha billi tuża l-mezzi kollha ta' komunikazzjoni kif ukoll l-appoġġ tas-servizz ta' żewġ nutara ġewwa din is-sezzjoni.

## Sezzjoni Skemi

Fost skemi oħra ta' 'Home Ownership' din is-Sezzjoni tieħu ħsieb ukoll eżerċizzju fuq ir-reviżjoni tas-sussidju fuq ir-rata ta' self mill-banek u fuq iċ-ċens ta' l-HOS plots. Din is-sena kien hemm 1838 każ li kien imissu jiġi rivedut. Din is-Sezzjoni kellha wkoll 102 talba sabiex benefiċjarji li kienu ħadu sussidju fuq ir-rata ta' l-interessi minn skemi li kienu mħaddma mid-Dipartiment ta' l-Akkomodazzjoni Soçjali, ikunu jistgħu jinħallu mill-kundizzjonijiet li kienu marbuta bihom.

Matul din is-sena, dis-Sezzjoni kellha wkoll talba waħda minn benefiċjarji ta' l-Awtorità tad-Djar għall-permess sabiex jagħmlu użu kummerċjali minn parti tal-

proprjetà mixtrija minnhom. Daħlu wkoll 13-il talba sabiex jiġi mifdi ċ-ċens taħt 'Skema P', ta' dawk l-artijiet li kienu ingħataw mid-Dipartiment ta' l-Artijiet.

## Sezzjoni responsabbli miċ-ċens ta' art għall-bini

Din is-sezzjoni hija responsabbli mill-pagamenti fuq kera. Bejn il-perjodu 01/10/2006 u 30/10/2007, l-Awtorità rċeviet is-somma ta' Lm69,946.36 (€162,931.19) f'pagamenti fuq kera u ħallset l-ammont ta' Lm31,568.39 (€73,534.57) fuq kera. Sa minn Novembru 2006, 53 kuntratt ta' l-Awtorità tad-Djar ġew iffirmati filwaqt li 70 il-kuntratt tad-Dipartiment ta' l-Akkomodazzjoni Soċjali ġew iffirmati.

# Direttorat tal-Qasam ta' Żvilupp

## Programm ta' Bini

Matul din is-sena tkompla x-xogħol ta' kostruzzjoni fuq 34 proġett residenzjali imxerrda fi 17-il lokalita' differenti. Dawn ivarjaw minn proġetti żgħar ta' żewġ units għall-kumplessi akbar bħall-proġetti fi Triq San Ġwann Bormla (51 unit), Triq il-Plejju, Mġarr (65 unit), Mtarfa (42 unit), Pembroke Site A (64 unit) u Qawra Tal-Qortin (50 unit). Dawn il-proġetti li bħalissa jinsabu fil-fażi ta' kostruzzjoni jinkludu 495 unit, ossia 427 appartament, 68 maisonette u 624 garaxx li flimkien ikopru spiża globali, fuq kostruzzjoni biss, ta' Lm11.5 miljun lira (€267,787,794.08). Din l-ispiża tkopri l-installazzjoni ta' madwar 45 lift kif ukoll xogħol ta' landscaping fil-proġetti ta' Pembroke u l-Imtarfa. Il-proġetti jinsabu fi stati diversi ta' kostruzzjoni u ħ˙aldaqstant, fil-waqt li uħud minnhom waslu biex ikunu finalizzati f'qasir żmien, il-programm kollu mistenni jitlesta matul is-sena 2009. Mitejn minn dawk il-units li qed jinbnew bħalissa, ġew offruti għal bejgħ b' "Shared Ownership" f'Settembru li għadda.



Proġett ta' bini fl-Imġarr li ser jinħarġu taħt li Skema ta' Shared Owenership

Il-maġġoranza tal-units li eventualment jingħataw bis-sistema "Shared Ownership" jitlestew fi stat ta' advanced shell. Dan ifisser li titlesta l-faċċata u l-aperturi, il-bjut, il-partijiet komuni u l-lift fil-waqt li l-benefiċjarji jkollhom l-opportunità li jlestu l-appartament minn ġewwa skond il-gosti tagħhom. Dawk il-units li jkunu se

jitqassmu b'kera, jitlestew minn kollox minbarra l-kamra tal-banju. Eventwalment, l-inkwilini jingħataw għajnuna finanzjarja biex ikunu jistgħu jinstallaw il-kamra tal-banju immedjatament li jingħataw iċ-ċwievet tal-post.

Fil-frattemp, is-Sezzjoni ta' l-Iżvilupp jeħtieġ li tkompli tippjana aktar għal quddiem u għaldaqstant, matul is-sena, jitkompla xogħol ieħor ta' ppjanar u tfassil ta' pjanti fuq siti ġodda. Din is-sena ġew sottomessi 12-il applikazzjoni għall-permessi ta' żvilupp li jkopru 322 unit f'artijiet li ġew trasferiti reçentement mill-Uffiċċju Konġunt. Dawn jinkludu proġetti f'diversi lokalitajiet inkluż wieħed f'Għawdex. Qed jiġi ddedikat ħin ukoll fuq disinn ta' numru ta' proġetti oħra biex eventwalment nissottomettu l-applikazzjoni relattiva għal żvilupp.

Fl-aħħar, imma ċertament mhux l-anqas, matul ix-xhur li għaddew seħħet ħidma intensiva ta' preparazzjoni għall- ħarġa li jmiss ta' fondi li jinbiegħu bis-sistema tas-"Shared Ownership". Għal dan il-għan ġew identifikati l-lokalitajiet u n-numru ta' units li setgħu jiġu inklużi fil-ħarġa, u sar xogħol metikoluż biex ġew organizzati l-pjanti, ġew ikklassifikati u vvalutati l-units u l-garaxxijiet kollha sabiex id-dettalji kollha meħtieġa jiġu miġbura fi ktejjeb ta' informazzjoni li jingħata lill-applikanti. Dan il-ktejjeb iservi ta' għajnuna lill-applikanti fl-għażla tagħhom tal-fond addattat li jixtiequ jakkwistaw.

## Akkomodazzjoni Għall-Anzjani

L-Awtorità tad-Djar tħaddan l-għan li tħeġġeġ ħajja aktar indipendenti fost l-anzjani u persuni bi bżonnijiet speċjali permezz li tipprovdi akkomodazzjoni addattata. Idejalment, għandna nagħmlu mezz biex persuni anzjani jibqgħu jgħixu indipendentement fil-komunità għall-itwal żmien possibbli. Għaldaqstant, din is-sena, komplejna nfasslu blokki ta' appartamenti ġodda, f'lokalitajiet addattati, li jinkorporaw il-ħtiġijiet speċjali ta' l-anzjani. Il-lokalitajiet magħżula jkunu tali li joffru aċċessibilità għal fcçilitajiet bżonnjużi fil-ħajja ta' kuljum. L-appartamenti nnifishom ikunu ta' daqs prattiku u maniġabbli għall-anzjan/a jew koppja anzjana li jgħixu waħedhom u għaldaqstant jinkludu kamra tas-sodda, kċina, salott, shower u fejn hu possibbli, gallarija jew terazzin. Sintendi, kull appartament ikun aċċessibbli permezz ta' lift u barra minn hekk, ikun jinkorpora fih miżuri biex jiffrankaw l-użu tal-enerġija bħal double glazing ta' aperturi, *insulation* tas-soqfa, persjani, *toilets* bid-*dual flush* system kif ukoll dwal tat-tip energy saving. Fejn id-daqs tal-blokk jippermetti, tiġi nkorporata wkoll communal *room* u spazju f'kull sular għat-tnixxif ta' ħwejjeġ. Fi blokki li jagħmlu parti minn kumpless residenzjali akbar, qed ninkorporaw ukoll fid-disinn faċilità ta' Day Centre għall-użu tal-anzjani li jgħixu fl-istess lokalita' jew viċin.

L-għan ewlieni ta' l-Awtorità hu li, tipprovdi aktar appartamenti addattati għal ħtiġijiet tal-anzjani, sabiex tg˙ħn aktar lil persuni li jagħmlu parti minn dan is-settur tas-soċjeta' ikomplu jgawdu l-ħajja fil-qalba tal-komunità, fl-istess waqt li jippreservaw l-identità u l-privatezza tal-ħajja personali tagħhom.



Proġett ta' Sheltered Housing fi Trqi il-Kapuċċini ġewwa l-Furjana

Apparti l-ewwel blokk ta' tmien appartamenti fi Triq il-Kapuċċini, Furjana, l-Awtorità tad-Djar għandha ppjanati għal ħmistax-il proġett ieħor f'diversi lokalitajiet kif muri fit-tabelli hawn taħt:

a) Proġetti mibdija jew waslu biex jinbdew:

| Lokalità | Numru ta' Units |
|---|---|
| Furjana | 13 |
| Valletta | 9 |
| Raħal Ġdid | 4 |

b) Proġetti fejn qed jitħejjew pjanti jew qed nistennew permess tal-MEPA:

| Lokalità | Numru ta' Units |
|---|---|
| Attard | 6 |
| Birgu | 3 |
| B'Kara | 4 |
| Fgura | 7 |
| Kirkop | 16 |
| Luqa | 8 |
| Msida | 12 |
| San Ġwann | 3 |
| Siġġiewi | 21 |
| Valletta | 10 |
| Żabbar | 10 |
| Żebbuġ | 4 |

Ta' min isemmi wkoll li qed jiġu inkorporati numru ta' appartamenti għall-anzjani f'kull proġett ġdid imfassal mill-Awtorità, li jinkorpora aktar minn 25 unit. Eżempju ta' dan hu l-proġett fis-Siġġiewi, bħalissa fi stadju ta' proċessar ta' permessi, fejn il-21 appartament maħsub għall-anzjani u persuni bi bżonnijiet speċjali jifforma parti minn kumpless sħiħ ta' 81 unit u 85 garaxx kif ukoll Day Centre għall-anzjani u Faċilità ta' Child Care.

## Installazjoni ta' Lifts

Xi snin ilu, l-Awtorità tad-Djar ikkommettiet ru˙ha li tipprommovi u tiffaċilità aċċessibilità għal kulħadd fl-appartamenti ġodda li tibni kif ukoll blokki eżistenti tal-Gvern. Għaldaqstant, il-maġġorparti tal-blokki mibnija mill-Awtorità biex jitqassmu lill-benefiċjarji, kemm b'kera kif ukoll b'bejgħ taħt is-sistema ta' Shared Ownership, ikunu ipprovduti b'lift. Din is-sena ġew ikkommissjonati 24 lift ġdid fi blokki li jinsabu fi 12 il-lokalità diversi. Dawn, flimkien ma' 20 lift oħra li bħalissa jinsabu fi stat avvanzat ta' installazzjoni,ħħża jiswew globalment lill-Awtorità is-somma ta' Lm521,000 (€1,213,603.54).

Matul din l-a˙˙ar sena, innutajna Ωieda fl-applikazzjonijiet minn inkwilini li jgħixu fi blokki eżistenti tal-Gvern biex jiġi installat lift fil-blokk tagħhom. Dawn l-applikazzjonijiet bdew jiġu mistħarrġa u jsiru spezzjonijiet fil-blokki sabiex tiġi stabbilita l-possibilità li jiġi installat lift. Fost it-talbiet pendenti din is sena, f'ħames

kazi tlestew il-pjanti u bħalissa qed jiġu proċessati l-permessi mill-MEPA, filwaqt li 10 blokki oħra ġew spezzjonati u qed jitħejjew pjanti sabiex jintalbu permessi.

L-Awtorità bi ħsiebha tkompli twettaq, matul is-sena d-dieħla, il-programm ta' installazzjoni ta' lifts fil-blokki t'appartamenti ġodda li jiġu mibnija minnha kif ukoll fi blokki eżistenti tal-Gvern, u dan skond il-prijorità u fejn ikun teknikament possibbli.



Lift installat fi Strada San Paolo ġewwa l-Belt Valletta

L-Awtorità tad-djar tipprovdi wkoll għajnuna finanzjarja ta't Skema 7 lil dawk il-persuni li għandhom diżabilità ta' mobilità u li jkollhom bżonn jinstallaw stairlift jew lift fid-djar privati tagħhom. Din is-sena, l-Awtorità ħabbret tkabbir fil-firxa ta' assistenza li toffri lill-persuni b'diżabilità, fejn dawn issa għandhom il-possibilità li jinstallaw stairlifts u lifts mhux biss fid-djar imma saħansitra fi blokki ta' appartamenti privati. Din is-sena, ġew approvati 57 applikazzjoni għal stairlift u 10 għal installazzjoni ta' lifts fi djar u appartamenti privati.

# Direttorat għall-Immaniġjar ta' Djar

L-Iskemi ta' l-Awtorità tad-Djar baqgħu dejjem ikunu popolari ma' nies vulnerabbli. 'Il fuq minn 10,000 persuna żaret l-uffiċini ta' l-Awtorità tad-Djar matul din is-sena. Rajna ukoll volum qawwi ta' applikazzjonijiet taħt diversi skemi u inizjattivi. L-Iskema R - Sussidju fuq il-kera ta' postijiet privati – baqgħet l-aktar skema popolari u sena wara sena l-applikazzjonijiet taħt din l-iskema dejjem jiżdiedu.

It-tabella ta' hawn taħt turi kemm hemm applikazzjonijiet u benefiċjarji taħt l-iskemi matul din is-sena:-




Ta' min jinnota ukoll il-lokalitajiet minn fejn qegħdin nirċievu l-applikazzjonijiet. Lokalitajiet varji żew mqassma f'Ωoni kif muri fit-tabella ta' hawn taħt. Iż-żoni jinkludu dawn il-lokalitajiet:-

| | |
|---|---|
| Zona A | San Pawl il-Baħar, Qawra, Buġibba |
| Zona B | Bormla, Isla, Birgu, Kalkara |
| Zona C | Għawdex |
| Zona D | Ħamrun, Qormi, Marsa |
| Zona E | Belt , Floriana |
| Zona F | Lokalitajiet Oħra |




## *Policies* ġodda matul din is-sena

Matul dan il-perjodu rajna ukoll titjib fil-kundizzjonijiet ta' l-iskema. Waħda mit-tibdil tal-policies kienet fir-rigward ta' l-ammont ta' l-assi. Minn din is-sena il-means testing li jsir fuq l-applikanti ta' l-iskema tagħna qiegħed imur sena lura biss u mhux tlett snin kif kien qabel. Din il-politika ġdida tgħin aktar lill-applikant taħt diversi skemi speċjalment dawk il-familji li minħabba xi ċirkustanza jispiċċaw finanzjarjament f'posiżjoni diffiċli. Kundizzjoniji oħra li ġiet mibdula sabiex tkun aktar vantaġġuża għall-klijenti tagħna tirrigwardja d-dħul annwu. Skond l-iskemi tagħna, l-applikant jingħata sussijdu skond id-dħul annwu li kellu fis-sena preċedenti d-data ta' l-applikazzjoni. Issa mir-riċerka rriżulta li kien hemm xi każijiet bħal persuni li jitilfu l-impjieg tagħhom ħesrem, jew persuni li jimirdu f'daqqa u jispiċċaw fuq is-servizzi soċjali. Permezz ta' emenda fl-iskema, f'dawn il-każijiet l-Awtorità tad- Djar tieħu in konsiderazzjoni id-dħul li jkollhom dawn l-applikanti dik is-sena li jkunu qegħdin japplikaw u mhux is-sena fejn huma jkunu għadhom fl-impjieg. Id-dħul li bih tkun eliġibbli taħt l-iskemi ukoll ġew amendati din is-sena. Taħt l-iskemi ta' l-irranġar sabiex persuna tikkwalifika d-dħul tagħha issa ma jridx jeċċedi Lm6,000 (€13,976.24). Dan l-ammont jiżdied ukoll skond l-għoli tal-ħajja kull sena.

Rajna ukoll din is-sena, bidla fl-iskema Numru 7 - Skema relatata mad-diżabilità. L-għotja mogħtija f'dan il-każ tvarja skond in-numru ta' blokkok ta' appartamenti u l-mezzi finanzjarji ta' l-applikanti. L-għotja massima li tingħata lill-kull familja għall-installazzjoni ta' liftijiet tammonta għal Lm2,500 (€5,823.43) li tinkludi l-għotja għall-lift kif ukoll għotja għat-tibdil struttutali li jkun neċessarju. Is-sussidju issa qiegħed jingħata f'forma ta' għotja għall-installazzjoni ta' liftijiet f'blokkok ta' appartamenti privati u qed jiġi mogħti kif jidher hawn taħt:-

| Numru ta' Appartamenti fil-Blokk | Għotja għall-makkinarju tal-*lift* LM / € | Għotja għall-alterazzjonijiet fl-istruttura LM / € | Għotja Totali LM / € |
|---|---|---|---|
| Minn 1 sa 2 | Lm 2,000 €4,658.75 | Lm 500 / €1,164.69 | Lm 2,500 / €5,823.43 |
| Aktar minn 2 sa 4 | Lm 1,900 / €4,425.81 | Lm 400 / € 931.75 | Lm 2,300 / €5,357.56 |
| Aktar minn 5 sa 6 | Lm 1,800 / €4,192.87 | Lm 300 / €698.81 | Lm 2,100 / €4,891.68 |
| Aktar minn 6 | Lm 1,600 / €3,727.00 | Lm 200 / €465.87 | Lm 1,800 / €4,192.87 |

## Xogħlijiet mitluba taħt l-Iskemi ta' l-Awtorità

Interessanti li naraw ix-xogħlijiet li talbu il-klijenti matul din is-sena taħt l-iskemi ta' rranġar u titjieb. It-tibdil tal-kmamar tal-banju jibqa' l-aktar xogħol li jintalab mill-klijenti.




Taħt l-Iskema 7 din is-sena kellna 70 applikant li talbu għall-*stairlift*, 53 applikant li talbu għall-kamra tal-banju u 10 applikanti li talbu għall-installar ta' *passenger lift*.



*Stair Lift* installat taħt Skema 7

Din is-sena kellna ukoll spiża sostanzjali fuq l-iskemi tagħna. Ta' min jgħid li minn sena għall-oħra din l-ispiża. Qegħda dejjem tiżdied. It-tabella ta' hawn taħt turi kemm kienet l-ispiża ta' l-Awtorità tad-Djar għal dawn l-aħħar disa' snin :-



It-tabella ta' hawn taħt turi kif l-ammont imħallas f'sussidju matul din is-sena kien imqassam f'diversi skemi:-




L-Awtorità tad-Djar kellha 488 applikanti taħt Skema R li kienu mqassma hekk:-

| Stat | Nru.ta' Applikanti | Perċentaġġ |
|---|---|---|
| Romol | 37 | 7.6% |
| Persuna weħedha | 119 | 22.4% |
| Separati | 177 | 36.3% |
| Ġenitur Wieħed | 61 | 12.5% |
| Miżżewġin | 84 | 17.2% |
| Għarajjes | 2 | 0.4% |
| Divorzjati | 3 | 0.6% |
| Annullati | 5 | 1.0% |

It-Taqsima ta' l-Care & Repair din is-sena kienet impenjata ħafna. Matul dan il-perjodu kellna 174 inspezzjonijiet taħt din l-inizjattiva f'diversi lokalitajiet ta' Malta. 52 minn dawn ser jiġu megħjuna taħt l-inizjattiva tal-Care & Repair waqt li oħrajn ġew riferuti biex japplikaw taħt xi skema oħra ta' l-Awtorità tad-Djar. Bħalissa l-Awtorità tad-Djar għandha 17 il-każ li qegħdin isiru l-pjanti sabiex jsiru t-tenders, 15 każijiet pendenti sabiex jiġu spezzjonati minn perit, 14 każijiet oħra sabiex jsiru t-tenders għall-irranġar u 9 każijiet jistennew l-permess mingħand il-MEPA. Qegħdin isiru xogħlijiet fuq 18-il post waqt li ser jibda' xogħol fuq 9 postijiet oħra f'qasir żmien. Din is-sena l-Awtorità ppubblikat 34 tender għall-irranġar ta' postijiet taħt il-Care & Repair b'nefqa ta' madwar Lm70,731.53 (€164,760.44). Ta' min jgħid li taħt din l-inizjattiva l-Awtorità tad-Djar tgħin li

dawn il-persuni li għal xi raġunijiet bħal l-eta', diżabiltà jew oħra ma jkunux jistgħu jaċċessaw xi skema ta' l-Awtorità.





Xogħol li sar taħt li skema *Care & Repair*

## Għajnuna Finanzjarja lill-NGOs

L-Awtorità tad-Djar, bħas-snin ta' qabel, irriżervat ammont ta' flus sabiex tgħin organizazzjonijiet mhux governattivi fil-bżonnijiet tagħhom. Din is-sena rajna organizazzjonijiet diffferenti li bbenefikaw għall-installar ta' lifts jew stairlifts. Is-somma ta' madwar Lm21,600 (€50,314.47) ġiet mogħtija lill-Arka Foundation Għawdex, Good Shepherd Sisters, Qaddejja taċ-ċenaklu u Aġenzija Sapport. Ammont ieħor ta' madwar Lm24,000 (€55,904.96) ġie mogħti lir-Richmond Foundation, Cini Institute u Istitut Ġesu' Nazzarenu, Żejtun sabiex dawn għamlu xi xogħlijiet ta' upgrading jew refurbishing fil-postijiet tagħhom. Ta' min jgħid li ta' kull sena l-Awtorità tad-Djar tirriserva Lm50,000 (€116,468.67) għall-irranġar u Lm15,000 (€34,940.60) għall-installar ta' lifts jew stairlifts ta' residenzi mmexxija minn organizazzjonijiet mhux governattivi.

## Irranġar ta' postijiet allokati mid-Dipartiment ta' l-Akkommodazzjoni Soċjali

Din is-sena l-Awtorità tad-Djar kompliet tiffinanzja xogħlijet ta' rranġar u titjieb ta' appartamenti/ djar allokati mid- Dipartiment ta' l-Akkommodazzjoni Soċjali. Ġiet approvata s-somma ta' Lm126,332 (€294,274.40) sabiex ġew irranġati mall-54 post tal-Gvern li ġew allokati matul din is-sena. Barra minn hekk l-Awtorità tad-Djar

approvat 45 kamra tal-banju ġdida lill-inkwilini li ġew allokati appartament ġdid li kien mibni mill-Awtorità tad-Djar u allokati mid-Dipartiment ta' l-Akkommodazzjoni Soċjali bil-kera lill-persuni fuq il-lista ta' l-istess Dipartiment. S'issa tħallset is-somma ta' Lm22,500 (€52,410.90) għal dan il-għan.

## Appartamenti mibnija mill-Awtorità tad-Djar u allokati b'kera mid-Dipartiment ta' l-Akkommodazzjoni Soċjali:-

Din is-sena l-Awtorità tad-Djar għaddiet ammont sostanzjali ta' appartamenti lid-Dipartiment ta' l-Akkommodazzjoni Soċjali sabiex dawn jiġu mogħtija b'kera lill-applikanti ta' l-istess Dipartiment. L-Awtorità trasferiet 14-il appartament ġewwa l-Qawra u 27 appartament ġewwa B'Buġa. Dan huwa ċertament ta' piż finanzjarju qawwi fuq l-Awtorità tad-Djar.



27 appartament f'Birżebbuga ġew mgħoddijja lid-Dipartiment ta' l-Akkomodazzjoni Soċjali

## Amalgamazzjoni ta' l-Awtorità tad-Djar mad-Dipartiment ta' l-Akkommodazzjoni Soċjali

Din is-sena rajna fis-seħħ l-ewwel parti ta' l-amalgamazzjoni ta' l-Awtorità tad-Djar mad-Dipartiment ta' l- Akkommodazzjoni Soċjali. F'Novembru l-uffiċini tad-Dipartiment ġew trasferiti fl'uffiċini ġodda ġewwa Triq il- Maċerata fil-Furjana. Is-Sezzjonijiet tal-Customer Care, tal-Care & Repair u l-uffiċju tad-Direttur għall-

Immaniġjar ta' Djar ġew trasferiti ukoll f'dan il-bini. Dan iffisser li kull min għandu bżonn xi servizz kemm mill-Awtorità kif ukoll mid-Dipartiment, issa jista jinqeda mill-istess uffiiċini u b'hekk jevitaw ħafna ġiri minn uffiċju għall-ieħor.

Pass ieħor li għamlet l-Awtorità tad-Djar matul din is-sena huwa li bdiet eżerċizzju sabiex terġa ssir spezzjoni fuq l-ewwel 500 ruħ fuq il-lista tad-Dipartiment. Qiegħed jintbgħat perit sabiex jiċċertifika r-residenza ta' l-applikanti sabiex l-applikazzjonijiet jkunu aktar aġġornata u qiegħed issir il-means testing fuq l-applikanti ukoll. Dan huwa eżerċizzju intensiv pero' huwa wieħed importanti għaliex b'hekk l-Awtorità tad-Djar ser jkollha aktar stampa ċara tal-bżonnijet ta' l-applikanti li qegħdin jistennew akkommodazzjoni alternattiva.